MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1388/2002/1

**Maestro Joseph Gatt**

**v.**

**Mariella Gatt**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi hu pprezenta rikors quddiem l-allura Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, liema rikors gie appuntat ghall-21 ta’ Mejju 2002; illi

meta l-attur dahal quddiem l-Imhallef sedenti, huwa gie nnotifikat proprju dak il-hin b'rikors iehor ipprezentat fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili minn martu Mariella Gatt; illi l-attur lanqas kellu biss il-hin li jaqrah, ahseb u ara kemm seta' jiddiskutih mad-difensur tieghu, li ma kienx presenti u ma kienx jaf bl-ezistenza tar-rikors ta' Mariella Gatt; illi f'dik is-seduta, l-istess rikors ta' Mariella Gatt gie trattat u degretat mis-Sekond' Awla (Dok A - Digriet numru 859/02), li ordnat illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri ghandha tigi fdata lir-rikorrenti Mariella Gatt, salv id-dritt ta' access ghalihom favur Joseph Gatt; ordnat lill-attur ihallas b'effett immedjat is-somma ta' tletin lira (Lm30) manteniment fix-xahar, *i.e*. Lm20 ghall-minuri u Lm10 ghar-rikorrenti; u awtorizzat lir-rikorrenti Mariella Gatt tirritorna tabita fid-dar matrimonjali gewwa H'Attard; illi konsegwentement, l-attur la seta' jikkontesta r-rikors ta' martu Mariella Gatt u lanqas inghata l-opportunità li jaghmel sottomissjonijiet dwaru; illi f'dik is-seduta, minflok ma gie trattat ir-rikors tieghu, gie ttrattat ir-rikors ta' martu mid-difensur taghha, liema rikors id-difensur tieghu lanqas biss kien jaf bl-ezistenza tieghu, jew imqar kien jaf li kellu jigi ttrattat dakinhar, jew inghata zmien xieraq biex jipprezenta twegiba ghalih; illi l-imsemmi Digriet numru 859/02 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili huwa null, invalidu u bla effett ghaliex jivvjola l-principju baziku ta' *audi alteram partem* u l-garanzija ta' smiegh xieraq; illi l-imsemmi Digriet gie kkonfermat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'Digriet moghti fit-12 ta' Novembru 2002 li bih l-attrici (*recte*: il-konvenuta) giet awtorizzata li tirritorna tabita fid-dar konjugali gewwa Attard u Joseph Gatt gie ordnat sabiex fi zmien erbat ijiem min-notifika lilu ta' l-istess Digriet jghaddi c-cwievet ta' l-istess fond lil Mariella Gatt tramite id-difensuri rispettivi, u dan taht sanzjoni ta' disprezz lejn l-Awtorità tal-Qorti; fin-nuqqas, il-Qorti ser tiehu l-opportuni provvedimenti, inkluz dawk possibbli li Joseph Gatt jigi ordnat johrog u jevakwa mid-dar konjugali; in vista tal-premess, u wara tali terminu ta' erbat ijiem min-notifika ta' dan id-Digriet lil Joseph Gatt, laqghet f'dan l-istadju l-ewwel talba tar-rikorrenti u ordnat in-notifika ta' l-istess Digriet a spejjez ta' Mariella Gatt lil Joseph Gatt u lill-Kummissarju tal-Pulizija (personali); premess dan kollu, l-attur talab ghaliex dik il-Qorti

m’ghandhiex: 1. tiddikjara illi d-Digriet numru 859/02 moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili huwa null, invalidu u bla effett ghaliex jivvjola l-principju baziku ta’ *audi alteram partem* u l-garanzija ta’ smiegh xieraq; 2. tiddikjara li b’konsegwenza ta’ l-imsemmija nullità, kull decizjoni ohra naxxenti mill-applikabbilità tad-Digriet numru 859/02 tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili hija wkoll nulla u bla effett; 3. tiddikjara illi d-Digriet moghti mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Novembru 2002 (Citazzjoni numru 665/02), in kwantu bbazat fuq l-imsemmi Digriet numru 859/02 moghti mis-Sekond’ Awla, huwa wkoll null, invalidu u bla effett; bl-ispejjez kontra l-konvenuta Mariella Gatt ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet:
Illi l-azzjoni u talbiet attrici huma mhux biss infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi spjegat fil-kors tal-kawza, izda addirittura frivoli u vessatorji intavolati wara seba’ xhur illli fihom l-attur ma waqafx jikser id-dispozizzjonijiet ta’ l-istess digriet minnu citat, u dan nonostante d-diversi proceduri civil(i) u kriminali li ittiehdu b’success kontra l-istess attur;

Illi ma jezisti ebda ksur tal-principju ta’ *audi alteram partem* u fis-seduta tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Dr Tonio Mallia kollox sar regolari u skond il-ligi;

Illi l-Prim’Awla tal-Qorti Civili hija mistiedna sabiex tara l-verbal ta’ dik is-seduta sabiex tassikura ruha li kollox mexa skond il-ligi u l-attur accetta n-notifika tar-rikors u accetta ukoll illi isir is-smiegh ta’ l-istess rikors kontestwalment mar-rikors li kien minnhu intavolat sabiex jkunu degretati flimkien;

Illi inoltre r-rikors minnu intavolat, li ghalih l-attur kien gie ippreparat, kien jikkoncerna precizament l-istess mertu tar-rikors ta’ l-esponenta (*sic*), u ghalhekk filwaqt illi huwa

frivolu illi jinghad illi l-principju ta' l-*audi alteram partem* kien vjolat fil-konfront ta' l-attur, huwa ukoll inacettabbli illi jinghad illi l-attur ma kellux opportunità illi jikkontesta r-rikors ta' martu u jaghmel is-sottomissjonijiet fuqu. L-Imhallef sedenti f'dik l-Awla f'dik l-okkazjoni ta id-dritt kollu liz-zewg partijiet jitkellmu u jghidu dak kollu li kellhom xi jghidu qabel ma l-istess Qorti waslet ghad-decizjoni taghha u l-attur kien ben ippreparat peress illi kien ippreparat fuq ir-rikors tieghu, li kif gjà fuq spjegat, gie ittrattat u degretat ukoll dak in-nhar stess u kien ovvjament jittratta l-istess partijiet, l-istess zwieg, l-istess tfal u l-istess separazzjoni;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tal-hamsa (5) ta' Frar, 2004 illi permezz taghha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u cahdet it-talbiet kollha attrici *stante* li huma bla fondament legali u nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kollha kontra l-attur, u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"Illi jidher li l-attur f'din il-kawza qed jikkontendi li d-digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Mejju 2002 fuq rikors tal-konvenuta datat 25 ta' April 2002, Digriet Numru 859/2002 huwa null ghaliex gie vjolat il-principju ta' *audi alteram partem* u garanzija ta' smiegh xieraq u dan peress li huwa qed isostni li l-istess rikors tal-konvenuta kien notifikat lilu seduta *stante* dakinhar stess tas-seduta, meta huwa [ma] kellux avukat prezenti, u allura ma setax jikkonsulta mieghu, u ghalhekk huwa ma kellux opportunità li jipprezenta risposta u b'hekk ma setax jikkontesta l-istess rikors.

"Illi bhala fatt u mill-atti processwali, ukoll [dawk] allegati fil-process ta' din il-kawza jirrizulta li r-rikors tal-konvenuta datat 25 ta' April 2002 gie l-ewwel appuntat ghall-14 ta' Mejju 2002 izda b'verbal ta' dakinhar stess l-istess rikors

gie appuntat ghall-21 ta’ Mejju 2003 [*recte*: 2002] sabiex jinstema mar-rikors fl-ismijiet inversi pprezentat mill-attur, li proprju kien jikkoncerna awtorizzazzjoni sabiex jipprocedi ghall-firda personali.

“Illi fil-21 ta’ Mejju 2002 jidher li dehru l-partijiet u Dr. Ian Spiteri Bailey ghall-konvenuta, dakinhar rikorrenti, u hemm verbalizzat li l-istess attur bhala ‘*ntimat gie moghti kopja tar-rikors u l-avviz u ta’ ruhu notifikat*’. ‘*L-intimat jiddikjara li ma jahdimx u jirregistra*’. ‘*Inghata Digriet*’ u dan jinsab riportat a fol. 31 tal-process, tali digriet datat 21 ta’ Mejju 2002.

“Illi r-rikors tal-konvenuta quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili bit-talbiet hemm kontenuti gie pprezentat abbazi tal-artikolu 470(1) tal-Kap 12 u dwar l-appuntament u n-notifika tal-istess hemm l-artikolu 480(1) tal-Kap 12 li fiz-zmien relattiv kien jipprovdi li l-istess rikors ghandu jigi appuntat ghas-smiegh f’data vicina, f’kull kaz mhux aktar tard minn sitt ijiem tax-xoghol mid-data tal-prezentata tieghu u ghandu jigi notifikat minghajr dewmien flimkien ma’ l-avviz ta’ dak l-appuntament.

“Illi f’dan il-kuntest jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju li l-istess attur gie notifikat bl-istess rikors u d-data tal-appuntament tas-smiegh fil-hin li gie mghajjat kif appuntat ir-rikors bl-ismijiet inversi tal-attur innifsu l-istess, tant li z-zewg rikorsi, kif inhu logiku li jsir instemghu kontestwalment quddiem il-Qorti ta’ gurisdizzjoni volontarja. Jigi nnutat li kontrarjament ghal dak li jidher li qed jigi ndikat mill-attur, ma hemm xejn fil-ligi li jaghti dritt lill-intimat jew intimata f’dawk il-proceduri li jipprezentaw risposta u dan ghaliex huwa wkoll ovvju li l-Qorti tiehu l-informazzjoni li jkollha bzonn minghand il-partijiet stess, u dan bil-mezzi kollha, anke bla gurament indikati fl-artikolu 471.

“Illi jirrizulta wkoll, anke mix-xhieda tal-istess konvenuta u ta’ Dr. Ian Spiteri Bailey li l-Qorti kif presjeduta hadet l-informazzjoni kollha li kien hemm bzonn direttament minghand il-partijiet tant li hemm verbalizzat dak li l-intimat qal lill-istess Qorti dwar in-nuqqas ta’ mpjieg tieghu

u fil-fatt hemm verbalizzat li '*l-intimat jiddikjara li ma jahdimx*'.

"Illi ma hemm l-ebda dubju li l-istess Qorti hadet l-informazzjoni l-ohra minghand iz-zewg partijiet tant li ddegretat dwar il-punti kollha sollevati fl-istess rikors inkluz l-awtorizzazzjoni ghall-separazzjoni, kura u kustodja tal-minuri u access tal-istess, u manteniment ghall-istess minuri u l-konvenuta, u wkoll ir-raba talba tal-konvenuta fl-istess rikors li ma gietx milqugha però awtorizzat lilha sabiex tirritorna fid-dar konjugali, kif effettivament giet mitluba li taghmel.

"Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-istess Qorti hadet l-informazzjoni minghand iz-zewg partijiet, wara li appuntat ir-rikors wara li l-istess attur ta' ruhu b'notifikat bih bl-istess [*recte*: fl-istess] seduta. Ma jidhirx li l-istess attur oppona ghal dan b'xi mod, u lanqas li ma giex moghti l-opportunità jaghti l-informazzjoni mehtiega, u jidher car li l-partijiet fl-istess rikors gew trattati ugwalment u skond il-ligi. Illi huwa ovvju fl-istess proceduri li l-informazzjoni li l-Qorti tista' tesigi mill-partijiet tittiehed principalment, anke b'mod informali, minghand il-partijiet innifishom, u hekk jidher li sar mill-istess Qorti.

"Illi ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz l-ebda regola ta' procedura ma giet miksura, u l-principju ta' *audi alteram partem* fil-limiti li l-istess principju japplika ghall-proceduri ta' din in-natura kif [*recte*: kien] ben osservat, *stante* li l-attur inghata l-opportunità kollha mill-istess Qorti li jaghti l-kummenti tieghu fuq l-istess, kif jidher li sar mal-konvenuta, u certament li l-procedura adotta[ta] ma kienet bl-ebda mod pregudizzjarja ghall-attur, u certament ma kien hemm ksur ta' l-ebda dispozizzjoni tal-ligi, anzi jidher li l-istess Qorti imxiet sew mal-istess ligi.

"Illi jigi nnutat li dan ir-rikors tal-konvenuta gie trattat fl-istess hin li kellu jigi trattat ir-rikors pprezentat mill-attur innifsu, u jidher li d-difensur tal-attur ma kienx prezenti ghall-istess rikors minkejja li kien jaf bl-appuntament tieghu, mhux ghax ried izda ghaliex kien impenjat b'xoghol iehor fil-Qorti. Ovvjament dan bl-ebda mod ma

jista' jinghad li jannulla l-imsemmija proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili la ghar-rikors imressaq mill-attur u lanqas ghar-rikors imressaq mill-konvenuta, u ghalhekk fuq dan kollu jidher li l-pretensjonijiet attrici ghandhom jigu michuda *stante* li assolutament infondati fid-dritt, anzi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-istess allegazzjonijiet vantati huma frivoli.

"Illi jinghad ukoll li fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri l-attur jew id-difensur tieghu ma ndikaw liema dispozizzjonijiet tal-ligi gew vjolati sabiex tirnexxi t-talba tieghu biex tali Digriet jigi dikjarat null u bla effett u dan huwa wkoll sinifikattiv anke ghal dak li jipprovdi l-artikolu 789(1) tal-Kap 12, fil-mizura li tali artikolu jista' jkun applikabbli ghall-kaz *de quo*.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi jigi milqugh l-appell u illi s-sentenza appellata tigi revokata, imhassra u annullata u illi jintlaqghu it-talbiet attrici, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-appellata;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuta illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet illi l-appell ghandu jigi michud u illi s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-appellant kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
1. Illi, fi kliem ir-rikors ta' appell,
"… preliminarjament, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha quddiemha talba ghall-impunjazzjoni ta' Digriet tas-Sekond' Awla kif ukoll ta' Digriet iehor moghtija minnha stess kif presjeduta mill-Onorevoli Imhallef sedenti, u

ghalhekk kellha tastjeni milli tiehu konjizjoni tal-kawza in osservanza tal-principju *nemo judex in causa propria*";

2. Illi, bla pregudizzju ghall-ewwel (1) aggravju, ukoll fi kliem ir-rikors ta' appell,
"… l-Ewwel Onorabbli Qorti kkoncentrat l-attenzjoni taghha *eskluzivament* fuq wiehed biss miz-zewg Digrieti li qeghdin jigu impunjati, jigifieri dak tal-21 ta' Mejju 2002, filwaqt li ma qalet xejn fuq id-digriet l-iehor li qed jigi impunjat, cioè dak moghti mill-Onorevoli Imhallef stess …";

3. It-tielet aggravju huwa espress permezz tas-segwenti domanda:
"Jekk ir-rikors tieghu [ta' l-attur appellant] fl-ismijiet inversi kien gie appuntat ghas-smiegh b'ordni li jigi notifikat lil martu, ghaliex ir-rikors ta' martu meta gie appuntat ghas-smiegh ma nghatatx l-ordni wkoll illi kopja tar-rikors ghandha tigi notifikata lilu?"

4. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dak kollu illi gie sottomess mill-appellant fil-paragrafi intestati bl-ittri minn (b) sa (f) jammonta, fis-sostanza, ghal aggravju wiehed: quddiem l-allura Sekond' Awla tal-Qorti Civili l-appellant ma kellux l-opportunità illi, qabel ma gie pronunzjat id-digriet impunjat numru 859/02, jikkonsulta ruhu ma', u jkollu l-assistenza ta', avukat;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju huwa manifestament infondat ghaliex, minn naha wahda, *sta* ghall-gudizzju tal-gudikant koncernat jekk, fid-dawl ta' dak illi tipprovdi tassativament il-ligi, jastjenix jew le milli jiehu konjizjoni ta' kawza assenjata lilu u, min-naha l-ohra, meta gudikant ma jastjenix, il-parti illi jidrilha illi huwa hekk opportun ghandha d-dritt illi titlob illi dak il-gudikant jigi rikuzat, <u>haga illi, fil-kaz in ezami, l-appellant naqas illi jaghmel fl-istadju illi, skond il-ligi seta' jaghmilha</u> (art. 739, Kap. 12);

Dak illi inghad sa issa dwar l-ewwel (1) aggravju huwa sufficjenti, però, tajjeb illi jigi rilevat illi mill-atti processwali

jirrizulta illi l-Qotti illi emanat d-digriet impunjat numru 859/02 kienet preseduta mill-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia, il-Qorti illi ppronunzjat is-sentenza appellata kienet preseduta mill-Onorevoli Imhallef Raymond Pace, u illi mill-istess atti processwali ma jirrizultax minn min kienet preseduta l-Qorti illi emanat id-digriet l-iehor impunjat, dak tat-tnax (12) ta' Novembru, 2002;

Ikkunsidrat:

Illi, sabiex jintwera kemm huwa bla bazi t-tieni (2) aggravju ta' l-appellant, huwa utili illi tigi riprodotta t-tielet (3) talba attrici fl-att ta' citazzjoni odjern:
"Tiddikjara illi d-Digriet moghti mill-Prim'Awla ta' din l-Onorabbli Qorti fit-12 ta' Novembru 2002 (Citazzjoni numru 665/02), in kwantu bbazat fuq l-imsemmi Digriet numru 859/02 moghti mis-Sekond' Awla, huwa wkoll null, invalidu u bla effett" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dan premess, huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi, la darba fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-imsemmi digriet numru 859/02 ma kienx null, ma kellhiex ghalfejn tindaga jekk kienx null l-imsemmi digriet tat-12 ta' Novembru, 2002. Fi kliem iehor, l-ewwel Qorti kien ikollha ghalfejn tiddetermina jekk l-ahhar imsemmi digriet kienx null f'kaz biss illi waslet ghall-konkluzjoni illi kien null id-digriet numru 859/02;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel haga illi ghandha tinghad dwar it-tielet (3) aggravju hija illi mill-atti processwali ma jirrizultax pruvat dak illi qed jasserixxi l-appellant, jigifieri illi "… ir-rikors tieghu fl-ismijiet inversi kien gie appuntat ghas-smiegh b'ordni li jigi notifikat lil martu …" u, konsegwentement, ma tirrikjedix risposta d-domanda relativa ta' l-appellant "… ghaliex ir-rikors ta' martu meta gie appuntat ghas-smiegh ma nghatatx l-ordni wkoll illi kopja tar-rikors ghandha tigi notifikata lilu?". *Ciò nonostante*, dina l-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi hija konvinta illi mill-kopja legali ta' l-atti konnessi mad-digriet impunjat numru 859/02 (fol. 27 sa 31), senjatament mir-rikors relativ (fol. 27), jirrizulta illi

saru aktar minn tentattiv wiehed mir-rikorrenti - l-attwali konvenuta appellata - sabiex l-appellant jigi notifikat bl-istess rikors u bid-digriet illi permezz tieghu l-allura Sekond' Awla tal-Qorti Civili appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-erbatax (14) ta' Mejju, 2002 (fol. 28). Fid-dawl ta' dak illi ghadu kemm inghad, ma hemm ebda necessità illi tinghata risposta ghas-segwenti mistoqsijiet ta' l-appellant maghmula fir-rikors ta' appell bl-iskop illi huwa jissostanzja l-aggravju tieghu in ezami:
"Jekk ir-rikors ta' Mariella Gatt gie pprezentat fil-25 ta' April 2002, ghaliex is-Sekond' Awla halliet sad-data tas-seduta tal-21 ta' Mejju 2002 biex ir-rikors ta' martu jigu notifikat lilu *seduta stante*? U jekk kien appuntat ghall-14 ta' Mejju 2002, ghaliex ma sarx sforz biex jigi notifikat lilu qabel is-seduta tal-21 ta' Mejju 2002, cioè d-data meta s-Sekond' Awla kellha intenzjoni li tittrattah?"

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, ghalhekk, it-tielet (3) aggravju ta' l-appellant mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Kwantu ghar-raba (4) aggravju, dina l-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi qabel ma gie pronunzjat id-digriet impunjat numru 859/02 huwa ma kellux l-opportunità illi jikkonsulta ruhu ma' u jkollu l-assistenza ta' avukat. F'dan ir-rigward dina l-Qorti ticcita u taghmel taghha s-segwenti silta mis-sentenza appellata:
"Illi jigi nnutat li dan ir-rikors tal-konvenuta gie trattat fl-istess hin li kellu jigi trattat ir-rikors pprezentat mill-attur innifsu, u jidher li d-difensur tal-attur ma kienx prezenti gha[t-trattazzjoni ta'] l-istess rikors minkejja li kien jaf bl-appuntament tieghu …";

Dina l-Qorti zzid biss illi ma ghandha l-ebda dubbju illi kieku l-appellant, hekk kif ta ruhu b'notifikat bir-rikors in kwistjoni, talab illi jinghata l-opportunità illi jikkonsulta ruhu ma' avukat, il-Qorti kienet tatih din l-opportunità. Ma jirrizultax illi l-appellant ghamel talba simili;

Ghalhekk, anqas ir-raba' (4) aggravju ta' l-appellant ma huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Fl-ahharnett, huwa opportun illi jigu brevement konsidrati s-segwenti zewg sottmissjonijiet illi ghamel l-appellant fir-rikors ta' appell:

(i) "Fis-sentenza appellata jintqal … illi 'hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-istess allegazzjonijiet vantati huma frivoli'. L-esponent, però, ma jhossx li l-ghoti tal-kura u kustodja lil martu kontra r-realtà a bazi ta' rikors notifikat lilu *seduta stante* kien xi haga frivola, anzi, l-esponent ihoss li s-Sekond' Awla ghamlet zball meta ma baghtitux imur isib lill-avukat tieghu, li bhalu ma kienx jaf bir-rikors ta' martu fejn kienet qed titlob il-kura u kustodja ta' wlied l-esponent";

(ii) "L-Ewwel Onorabbli Qorti rrimarkat li in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 789(1) tal-Kap 12 l-esponent kellu jindika liema dispozizzjonijiet tal-ligi gew vjolati. Izda kwalunkwe provvediment tal-Qorti jista' jigi impunjat b'success kemm-il darba jkun hemm ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew smiegh xieraq";

Kwantu ghas-sottomissjoni (i), tajjeb illi jigu citati l-kliem precizi ta' l-ewwel Qorti fir-rigward:

"… fuq dan kollu jidher li l-pretensjonijiet attrici ghandhom jigu michuda stante li assolutament infindati fid-dritt, anzi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-istess allegazzjonijiet vantati huma frivoli" (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Dan il-kliem appena citat juri illi, kuntrarjament ghal dak illi jghid l-appellant fis-sottomissjoni tieghu in ezami, dak illi qalet l-ewwel Qorti huwa illi fid-dawl tal-atti processwali hija tikkonsidra l-pretensjonijiet - u l-allegazzjonijiet relativi - dedotti mill-attur permezz tac-citazzjoni odjerna, jigifieri dawk dwar in-nullità tad-digrieti impunjati - u mhux il-kwistjoni dwar l-"ghoti tal-kura u kustodja" ta' ulied il-kontendenti - bhala frivoli. Dina l-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-kliem in ezami lamentat mill-appellant;

Dwar is-sottomissjoni (ii), dina l-Qorti tibda sabiex tghid illi dak illi qalet l-ewwel Qorti huwa "… li fl-ebda stadju ta'

dawn il-proceduri l-attur jew id-difensuri tieghu ma ndikaw liema dispozizzjonijiet tal-ligi gew vjolati sabiex tirnexxi t-talba tieghu biex tali Digriet jigi dikjarat null u bla effett …”. Dina l-Qorti, wara illi ezaminat l-atti kollha processwali, taqbel pjenament ma’ l-ewwel Qorti. Kwantu ghall-asserzjoni ta’ l-appellant illi “… kwalunkwe provvediment tal-Qorti jista’ jigi impunjat b’success kemm-il darba jkun hemm ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew smiegh xieraq …”, dina l-Qorti tghid biss illi ma jirrizultax illi matul il-proceduri quddiem l-allura Sekond’ Awla tal-Qorti Civili illi wasslu ghad-digriet impunjat numru 859/02 issuccieda ksur ta’ wiehed jew izjed mill-principji tal-gustizzja naturali jew illi l-appellant bhala intimat fl-istess proceduri ma inghatax smiegh xieraq;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------